PARTIT NAZZJONALISTA

Nifs Ġdid

Programm Elettorali

# Enerġija u Ilma

Kontijiet orħos tad-dawl,
sigurtà tas-servizzi
għall-familji u n-negozji

Nifs Ġdid

## Nifs Ġdid. Dan hu l-mument, tiegħek.

Din il-kampanja elettorali hija mibnija fuq wegħda ċara: b'dak li qed nipproponu rridu li nagħtu nifs ġdid lil Malta u Għawdex. Nifs ġdid lilek.

Fix-xhur li għaddew iltqajt ma' ħafna minnkom fid-djar, fil-pjazez u fuq il-postijiet tax-xogħol. Smajt it-tamiet, u l-aspirazzjonijiet tagħkom. Fuq kollox, fhimt kemm tħobbu lil pajjiżna. Bħalkom, jien kburi li jien Malti, u nemmen li flimkien nistgħu nibnu Malta u Għawdex li jistħoqqlok, li jistħoqqilhom uliedna.

Fil-programm elettorali qed nispjegaw kif nifs ġdid ifisser pajjiż li jerġa' jaħdem għan-nies: fejn inti jkollok aktar serħan il-moħħ, politika li tagħti futur liż-żgħażagħ f'pajjiżna, l-anzjani jgħixu bid-dinjità, u l-ħaddiema jkollhom paga aħjar. Nifs ġdid ifisser ukoll ekonomija ġusta fejn is-sidien tan-negozji jsibu gvern li jgħinhom u mhux li jfixkilhom, kura tas-saħħa fil-pront, edukazzjoni li tħejji għad-dinja ta' għada, sistema tat-trasport effiċjenti biex int ma tinqabadx fit-traffiku, kontijiet orħos u ambjent nadif li jagħtik nifs tajjeb għal saħħtek. Nifs ġdid ifisser ukoll Għawdex bħala reġjun b'potenzjal enormi li joffri futur lill-Għawdxin u jibqa' ġawhra għall-Maltin

Dan il-kapitlu, flimkien mal-bqija tal-programm elettorali, jippreżenta pjan ċar u realistiku biex inwettqu din il-viżjoni. Proposti konkreti biex intejbu l-ħajja tiegħek u nagħtu direzzjoni aġġornata lill-pajjiż.

Dan huwa l-impenn tagħna miegħek.
Flimkien nistgħu nagħtu lil Malta nifs ġdid.

**Alex Borg**
Kap tal-Partit Nazzjonalista



# Kontijiet orħos tad-dawl, sigurtà tas-servizzi għall-familji u n-negozji

Enerġija u Ilma

Il-ġenerazzjoni, il-provvista u d-distribuzzjoni tal-elettriku huma essenzjali fil-ħajja ta’ kuljum, ibda mid-dar u kompli fl-iskejjel, fl-ispartijiet u fuq il-postijiet tax-xogħol. Il-ħolqien tal-impjiegi u t-tkabbir ekonomiku jiddependu wkoll fuq il-provvista tal-elettriku. Għaldaqstant, qegħdin nintrabtu mal-poplu li nraħħsu l-kontijiet tad-dawl filwaqt li nżommu s-sussidji kif meħtieġ. Bi pjan responsabbli ta’ kif inżidu l-ġenerazzjoni tal-elettriku u x’sorsi nużaw.

Irridu mhux biss kontijiet orħos, mhux biss sigurtà tal-provvista li hi essenzjali għall-ekonomija, iżda se naħdmu biex ikollna rata qawwija ta’ ġenerazzjoni tal-enerġija minn sorsi nodfa.

Il-Gvern Laburista ilu 13-il sena jwegħdek enerġija rinovabbli. Il-Partit Nazzjonalista fil-Gvern, kuntrarju għall-gvern preżenti, jemmen bil-provi fl-enerġija rinnovabbli tant li qed nintrabtu li nilħqu 30% tal-enerġija rinnovabbli sal-2030, u nkunu carbon-neutral sal-2050.

Dan itejjeb l-arja ta’ madwarna u n-nifs li nieħdu.

Pjan ta’ Azzjoni

# Nagħtuk nifs ġdid bi traħħis fil-kontijiet tad-dawl

Il-rabta tagħna miegħek hi ċara: irridu pajjiż fejn l-enerġija ma tibqax piż ieħor fuq il-ħajja tiegħek ta’ kuljum, iżda ssir sistema aktar ġusta, aktar sempliċi, fejn il-familji, il-bdiewa, u r-raħħala jiffrankaw, iħallsu anqas kontijiet u jibqagħlhom aktar flus fil-but.

Il-kontijiet tad-dawl huma wħud mill-aktar spejjeż li jolqtu lil kulħadd. Jolqtu lill-familji, lill-pensjonanti, lill-ħaddiema li jaħdmu mid-dar, lill-bdiewa, lir-raħħala u lin-negozji ż-żgħar. Għalhekk il-politika tal-enerġija ma tistax tibqa’ titqies biss bħala kwistjoni ta’ powerstations, interconnectors u kuntratti tal-provvista. Hi kwistjoni ta’ kemm jibqa’ flus fil-but tan-nies fl-aħħar tax-xahar.

Il-Partit Nazzjonalista għandu pjan ċar: kontijiet tal-enerġija mnaqqsa, aktar sempliċi u aktar favorevoli għall-familji u għall-ekonomija produttiva. Sistema li tnaqqas l-ispejjeż fissi, li tagħmel l-ewwel livelli tal-konsum aktar affordabbli, li tipproteġi lil dawk li jgħixu waħedhom, u li sserraħ moħħ il-bdiewa u r-raħħala.

Din mhijiex proposta kumplessa. Mhijiex skema li trid timla l-formoli għaliha. Mhijiex wegħda li tiddependi fuq proċessi amministrattivi twal. Hi bidla diretta fil-kont: inqas spejjeż fissi, rata aktar baxxa fuq il-konsum normali, protezzjoni aktar ġusta għal min jgħix waħdu u tariffa agrikola ġdida biex ngħinu lill-bdiewa u r-raħħala li bix-xogħol tagħhom jipprovdu ikel ġenwin tajjeb għal saħħitna u jħarsu l-ambjent.

Hawnhekk irridu naslu: dawk li jgħixu waħedhom u l-familji kollha jgawdu direttament bi tnaqqis fil-kontijiet tagħhom. Il-bidla tkun awtomatika, sempliċi u tinftiehem minn kulħadd.

Proposti Ewlenin

# Kontijiet orħos u tariffi ġusti

Gvern ġdid Nazzjonalista jniedi pakkett ta' traħħis dirett fil-kontijiet tal-elettriku billi jneħħi l-miżati fissi mir-residenzi, iraħħas il-konsum normali tal-familji, iżid il-protezzjoni lil dawk li jgħixu waħedhom, u joħloq tariffa agrikola ġdida għall-bdiewa u r-raħħala. Dawn jissarrfu f'żewġ affarijiet: traħħis fil-kontijiet u aktar flus f'butek.

Din hi proposta magħmula biex tinftiehem mill-ewwel:

01

## Insostnu s-sussidji tal-enerġija

Nassiguraw u nagħtu garanzija li t-tariffi tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma mhux se jogħlew billi, meta meħtieġa, Gvern ġdid Nazzjonalista jissussidja l-prezzijiet tal-enerġija u tal-fuels. Fl-istess ħin, nibdew programm sħiħ ta' investiment fl-enerġija rinovabbli biex il-piż ta' dawn is-sussidji jonqos.

02

## Inneħħu l-kera tal-arloġġ tad-dawl minn fuq kull residenza

Illum kull familja tħallas il-kera fuq l-arloġġ tad-dawl f'darha, irrispettivament minn kemm tikkonsma elettriku. Dan hu piż li jidħol fil-kont qabel ma persuna tkun użat unit wieħed ta' elettriku.

Gvern ġdid Nazzjonalista jneħħi l-ispiża kollha li jkollok tħallas ma' kull kont li tirċievi talli għandek arloġġ (li fil-kont tidher bħala service charge) fir-residenza tiegħek.

| Tip ta' provvista tad-dawl | Roħs annwali bit-tneħħija tal-kera tal-arloġġ |
|---|---|
| Single phase | €65 |
| Three phase 40A | €140 |
| Three phase 60A | €195 |




000289.74
kWh
A
B
C
800imp/kWh
S.W. V1.0
-25°C ... +55°C
3x230V/400V
0,25-5(80)A
50Hz

# Inneħħu l-band ta' €0.1298 għall-konsum residenzjali

Illum, il-konsum residenzjali bejn 2,001 u 6,000 unit jiġi ċċarġjat b'rata ogħla mill-ewwel band. Gvern ġdid Nazzjonalista jneħħi din il-band u jestendi l-orħos rata fuq l-ewwel 6,000 unit ta' konsum residenzjali.

**Bħalissa**

| Konsum annwali | Rata attwali |
|---|---|
| 0 - 2,000 unit | €0.1047 |
| 2,001 - 6,000 unit | €0.1298 |
| 6,001 - 10,000 unit | €0.1607 |
| 10,001 - 20,000 unit | €0.3420 |
| 20,001 unit u aktar | €0.6076 |

**Proposta**

| Konsum annwali | Rata proposta |
|---|---|
| 0 - 6,000 unit | €0.1047 |
| 6,001 - 10,000 unit | €0.1607 |
| 10,001 - 20,000 unit | €0.3420 |
| 20,001 unit u aktar | €0.6076 |

Il-benefiċċju ta' din il-bidla hu tnaqqis fil-kont sa €100.40 fis-sena għal dar li tikkonsma 6,000 unit jew aktar.

| Konsum annwali | Roħs mill-bidla fir-rata |
|---|---|
| 3,000 unit | €25.10 |
| 4,000 unit | €50.20 |
| 5,000 unit | €75.30 |
| 6,000 unit jew aktar | €100.40 |

Familja b'single phase li tikkonsma 6,000 unit jew aktar tiffranka
€65 bit-tneħħija tal-kera tal-arloġġ + €100.40 mit-tneħħija tal-band ta' €0.1298
**B'kollox tiffranka €165.40 fis-sena**

Għad-djar b'sistema ta' three phase, il-benefiċċju hu akbar:

| Tip | Roħs: kera tal-arloġġ | Roħs massimu bir-reviżjoni tar-rati tad-dawl | Roħs Totali annwali |
|---|---|---|---|
| Single phase | €65 | €100.40 | €165.40 |
| Three phase 40A | €140 | €100.40 | €240.40 |
| Three phase 60A+ | €195 | €100.40 | €295.40 |

Dan hu tnaqqis li se jidher fil-kont. Mhuwiex slogan. Mhuwiex xi rebate ta' darba. Mhuwiex proċess burokratiku.
**Hu tnaqqis strutturali. Tnaqqis dirett.**

04

# Il-persuni li jgħixu waħedhom se jiffrankaw aktar bl-ekoriduzzjoni

Il-persuni li jgħixu waħedhom ħafna drabi jġarrbu spejjeż fissi iżjed għal kull persuna. L-ispejjeż fissi fil-kont tad-dawl ma jinqasmux fuq diversi membri tal-familja u għalhekk naraw li dar b'persuna waħda jkollha protezzjoni aktar ġusta. Hawn mal-51,000 persuna f'Malta li jgħixu weħidhom.

Gvern ġdid Nazzjonalista jżomm l-ekoriduzzjoni għad-dar b'persuna waħda, iżda jgħolli l-limitu tal-eliġibbiltà għal 3,000 unit fis-sena.

Il-mekkaniżmu jibqa' sempliċi:

| Household | Sistema proposta |
|---|---|
| Persuna waħda rreġistrata fuq il-kont | 25% Ekoriduzzjoni |
| Limitu massimu tal-konsum | Minn 2000 għal 3000 unit fis-sena, u b'hekk ikollok iżjed ċans li tikkwalifika għal ekoriduzzjoni. Il-limiti tal-eliġibbilita għal każi l-oħra minn żewġ persuni 'l fuq, jibqgħu kif inhuma llum. |

Nemmnu li fir-realtà tar-remote working u metodi ġodda ta' xogħol, jidhrilna dan il-limitu hu aktar realistiku u aktar ġust għan-nies li jgħixu waħedhom.

Il-messaġġ hu ċar: min jgħix waħdu m'għandux jiġi penalizzat minn sistema li ma tirriflettix l-ispejjeż reali tiegħu.

Dan, flimkien mar-rati l-ġodda mnaqqsa applikabli u t-tneħħija tal-kera tal-arloġġ tad-dawl, iwasslu għal tnaqqis globali ta' €168.63 fis-sena.

05

## Tariffa speċifika għas-settur agrikolu u l-għaqdiet volontarji

L-agrikoltura mhijiex settur ordinarju. Hi parti mis-sigurtà tal-ikel, l-identità rurali, il-ħarsien tal-art, u l-ekonomija tal-komunitajiet tagħna.

L-għaqdiet volontarji jaqdu rwol tant essenzjali fis-soċjeta Maltija li l-għan aħħari tiegħu qatt ma jkun il-flus iżda l-ġid bil-volontarjat. Nifhmu li l-għaqdiet volontarji mhux dejjem igawdu minn ekonomija b'saħħitha.

Għalhekk jeħtieġu tariffa distinta li tirrikonoxxi r-rwol ta' dawn iż-żewġ setturi.

Gvern ġdid Nazzjonalista joħloq tariffa speċifika ġdida għall-bdiewa, ir-raħħala u l-operaturi agrikoli rreġistrati kif ukoll għall-għaqdiet volontarji biex iħallsu anqas.

Din it-tariffa tkun marbuta mar-rati mhux residenzjali b'roħs ta' 15% fuq ir-rati kollha.

Nemmnu li din il-miżura immirata tagħmel differenza kbira lil dawk li mhux dejjem gawdew minn ekonomija b'saħħitha.

06

## Ineħħu t-tariffa tal-kera tal-arloġġ tad-dawl għas-settur agrikolu u l-għaqdiet volontarji

Hu inġust li jkun hemm miżati statutorji fuq setturi li diġà jħabblu moħħhom fuq kif se jaffordjaw jaqdu dmirhom u li mhux dejjem igawdu minn ekonomija b'saħħitha. Bl-istess spirtu tal-introduzzjoni tar-rati li minnhom jibbenefikaw il-bdiewa, ir-raħħala u l-għaqdiet volontarji, nemmnu li dan japplika għall-miżati statutorji. Għalhekk qed nipproponu li titneħħa il-kera tal-arloġġ biex dawn jitwieżnu fil-qadi ta' dmirhom favur is-soċjeta Maltija u Għawdxija.

| Kont agrikolu | Roħs annwali |
|---|---|
| Single phase | €120 |
| Three phase 40A | €240 |
| Three phase 60A jew aktar | €360 |

07

## Nissimplifikaw il-kont tad-dawl u l-ilma biex il-konsumatur jifhem x'qed iħallas

Nibdlu l-mod kif jiġi ppreżentat il-kont tad-dawl u l-ilma biex ikun aktar ċar, aktar sempliċi u aktar faċli biex jinftiehem minn kull konsumatur. Il-konsumatur m'għandux ikollu bżonn ikun espert biex jifhem il-kont tiegħu. Għalhekk nintroduċu kont ġdid b'format ċar u standardizzat. Fl-istess waqt, nintroduċu sistema biex il-konsumatur jiġi infurmat awtomatikament jekk ikun eliġibbli għal tariffa, skema jew għażla li tista' tnaqqaslu l-kont, inkluż fejn jidħlu l-ekoriduzzjoni, il-Feed-in Tariffs u skemi oħra relatati mal-enerġija rinovabbli. Din hi proposta ta' trasparenza u ġustizzja mal-konsumatur: kont li jinftiehem, kont li juri l-verità, u kont li jgħinek tħallas inqas fejn tista'.

# Malta għandha bżonn nifs ġdid anki fl-enerġija.

## Kontijiet li jagħmlu sens għall-ħajja reali tan-nies

**L-għan tagħna mhux biss li nraħħsu kont, iżda li nibnu sistema tal-enerġija aktar ġusta.**

Familja m'għandhiex tibda kull sena b'service charge jiġifieri bil-kirja ta' arloġġ qabel ma tkun użat l-elettriku. Dar normali m'għandhiex tintlaqat b'rata ogħla jekk il-konsum tagħha jkun f'livell raġonevoli. Persuna li tgħix waħedha għandu jkollha ekoriduzzjoni b'ammonti aktar realistiċi. U ċerti setturi bħall-agrikoltura għandu jkollhom kategorija għalihom, ċara u ġusta.

Din hi politika tal-enerġija li tibda mill-kont tal-familja u mill-operatur li jaħdem, mhux mill-burokrazija.

## Inqas piż fuq il-familji, aktar serħan għall-produttività

**Din il-proposta tagħmel erba' affarijiet f'daqqa.**

Tnaqqas il-kontijiet għall-familji b'mod dirett. Tneħħi l-ispejjeż fissi lid-dar. Tgħin lill-persuni li jgħixu waħedhom b'ekoriduzzjoni aktar realistika. U tagħti tariffa mnaqqsa lill-bdiewa u lir-raħħala.

Fl-istess waqt, tibgħat messaġġ ċar li l-politika tal-enerġija trid taħdem għall-familji u għall-ekonomija produttiva. Mhux biss għall-karti tal-baġit. Mhux biss għall-istatistika.

Int m'għandekx tħallas għall-ineffiċjenzi, kif qed jiġri llum.

## Kontijiet imraħħsin u aktar ġusti

Il-familji Maltin u Għawdxin ma jistgħux jibqgħu jġorru tariffi u jinxteħtu f'bands li ma jirriflettux il-ħajja reali tagħhom. L-enerġija trid tkun affidabbli, affordabbli u ġusta.

Aħna se nagħmlu l-bidla b'mod ċar: inneħħu l-ispejjeż fissi lir-residenzi, inraħħsu l-ewwel livelli ta' konsum normali, nagħtu aktar għajnuna lil min jgħix waħdu, u noħolqu tariffa agrikola ġusta lil settur essenzjali.

Din hija proposta konkreta. Tinftiehem. U tħalli aktar flus fil-but.

# Enerġija nadifa u sistema aktar intelliġenti

## 08. Nilħqu mira ta' 30% fl-enerġija rinnovabbli sal-2030

Inwettqu bidla konkreta fis-sistema tal-enerġija biex Malta tasal għal 30% tal-elettriku ġġenerat minn sorsi rinnovabbli sal-2030. Din mhijiex mira ambjentali biss. Hija wkoll mira ekonomika u soċjali. Aktar enerġija rinnovabbli tfisser inqas dipendenza fuq il-fuel importat, inqas pressjoni fuq is-sussidji tal-Gvern, aktar stabbiltà fil-prezzijiet u aktar spazju biex inżommu kontijiet orħos għall-familji u n-negozji. Il-pakkett tagħna biex inraħħsu l-kontijiet għandu spiża stmata ta' madwar €30 miljun fis-sena. Żieda ta' madwar 5 punti perċentwali fil-ġenerazzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli tista' tikkumpensa din l-ispiża bi tnaqqis fl-ispejjeż tal-fuel u fis-sussidji relatati mal-ġenerazzjoni tal-enerġija.

Għalhekk il-politika tagħna hi ċara: innaqqsu l-kontijiet issa u nħallsu għal dan billi nħaffu l-bidla lejn enerġija nadifa. Il-Gvern Laburista ħalla l-miri tar-rinovabbli jimxu bil-mod wisq. Aħna rridu nbiddlu din ir-realtà. L-obbligi ma jistgħux jibqgħu fuq il-karta. Il-miri se nilħquhom b'kontijiet orħos, enerġija aktar nadifa u sistema aktar sigura.

## 09. Aġġornament tal-panelli solari eżistenti

Inniedu grant apposta biex il-familji li snin ilu kienu investew fil-panelli solari jkunu jistgħu jaġġornaw is-sistema tagħhom mingħajr ma jkollhom ineħħu l-installazzjoni kollha. Niżguraw li Malta tuża aħjar il-bjut u s-soqfa li diġà għandhom infrastruttura u żżid il-produzzjoni nadifa bl-inqas dewmien.

## 10. Skema solari għall-appartamenti u kondominji ġodda

Nintroduċu skema apposta li tinċentiva lill-blokok tal-appartamenti u l-kondominji ġodda jiksbu sistemi solari komuni jew sistemi żgħar għal kull appartament mill-mument tad-disinn. Min jgħix f'appartament ma jistax jibqa' eskluż mill-enerġija nadifa minħabba struttura ta' proprjetà li llum taħdem kontrih.

## 11. Batteriji għad-djar u l-SMEs li għandhom il-panelli solari

Inkomplu u nsaħħu l-għajnuna għall-batteriji fid-djar u n-negozji ż-żgħar li għandhom panelli solari, biex aktar enerġija tinżamm għall-użu tagħhom u tonqos il-pressjoni fuq il-grid waqt l-eqqel ħinijiet.

## 12. Canopies solari fuq il-parkeġġi, l-iskejjel u ż-żoni industrijali

Ninvestu f'canopies solari fil-parkeġġi pubbliċi, iż-żoni industrijali u l-iskejjel biex l-ispazji miftuħa tal-konkos isiru sors ta' enerġija nadifa, dell u effiċjenza. Niżguraw li Malta tuża l-art diġà mibnija qabel tfittex spazji ġodda.

# Sigurtà tal-enerġija u infrastruttura moderna

## 13. Panelli fuq il-bini pubbliku magħqudin ma' ħażna ta' batteriji

Nagħmlu programm nazzjonali biex kull saqaf pubbliku fattibbli, bħal skejjel, ċentri tas-saħħa, uffiċini u kwartieri pubbliċi, jibda jiġġenera u jaħżen l-enerġija. Gvern ġdid Nazzjonalista jmexxi bl-eżempju u jnaqqas il-kontijiet tiegħu stess.

## 14. Inwettqu l-proġett tat-turbini tar-riħ 'il barra mill-kosta

Nimbuttaw 'il quddiem b'serjetà l-proġett ta' floating offshore wind li ilu snin fil-viżjoni fit-tul tal-Partit Nazzjonalista, b'akkwist trasparenti, studji serji u integrazzjoni fil-ħin man-network. Niżguraw li Malta ma tibqax tħares lejn il-potenzjal tar-riħ u l-baħar bla ma taġixxi.

## 15. Batteriji tal-komunità f'żoni urbani

Nintroduċu proġetti pilota ta' batteriji tal-komunità fil-lokalitajiet b'ħafna appartamenti biex aktar residenti jibbenefikaw indirettament mix-xemx.

## 16. Drittijiet solari

Niftħu proċess nazzjonali dwar id-drittijiet solari biex min jinvesti fil-panelli jew jgħix f'appartament ma jitlifx l-investimet li jkun għamel fil-ġenerazzjoni tal-enerġija jekk żvilupp fil-viċin ipoġġih fid-dell u jdgħajjiflu d-dawl tax-xemx.

## 17. Investiment solari kondiviż u sostnut mill-Gvern

Noħolqu skema ta' enerġija solari kondiviża fuq il-bini pubbliku biex min m'għandux bejt ikun jista' jixtri sehem negozjabbli f'installazzjonijiet akbar u jibbenefika minn kisbiet simili għal dak li jkun investa f'panelli fuq daru.

## 18. Tisħiħ qawwi tan-network tad-distribuzzjoni

Ninvestu f'feeders, substations, transformers u monitoraġġ diġitali biex insaħħu n-network u nnaqqsu drastikament il-blackouts speċjalment fiż-żoni vunerabbli. Din hi l-aktar miżura urġenti biex id-dawl jibqa' mixgħul dejjem, sajf u xitwa, u biex Malta tkun lesta għal aktar enerġija rinovabbli.

## 19. Pjan speċjali ta' reżiljenza għas-sħanat qawwija

Inniedu programm immirat għal-lokalitajiet li jġarrbu l-aktar mewġiet tas-sħana, b'investiment tekniku u operattiv biex il-provvista tal-elettriku tibqa' stabbli waqt l-eqqel ħinijiet. Niżguraw moniteraġġ diġitali tan-network fil-ħin reali.

## 20. Nesploraw it-tielet u r-raba' interconnector

Nibdew ippjanar strateġiku għal aktar interconnectors li jinżlu f'żoni differenti, inkluż mal-Afrika ta' Fuq, u li ma jżidux l-istess dipendenza ġeografika. Is-sigurtà tal-provvista tfisser li Malta ma tibqax tiddependi fuq numru limitat ta' konnessjonijiet fl-istess direzzjoni.

# Enerġija għad-djar, in-negozji u t-trasport

## 21. Pipeline lest għall-idroġenu għall-futur

Nistudjaw u nippjanaw pipeline li jkun lest għall-idroġenu u li jkun kompatibbli man-networks Ewropej futuri, biex Malta tkun lesta għal teknoloġiji ġodda u ma tibqax lura hekk kif jinbidel is-suq tal-enerġija fil-kontinent.

## 22. Kumpens awtomatiku lill-konsumaturi waqt blackouts u vultaġġ ħażin

Insaħħu lir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (REWS) biex dan jimponi garanzija ta' disponibbiltà tas-servizz u kumpens awtomatiku lill-konsumaturi f'każ ta' blackouts jew provvista b' vultaġġ ħażina. Hekk niżguraw il-ħarsien tad-drittijiet tal-konsumatur fil-prattika.

## 23. Trasparenza sħiħa fil-kuntratti tal-enerġija

Nirrevedu l-kuntratti ewlenin tal-enerġija u nistabbilixxu prinċipju ċar li Malta għandha dejjem tixtri l-enerġija mingħand l-orħos sors disponibbli li joffri sigurtà u affidabbiltà. Governanza tajba fl-enerġija tfisser ukoll valur aħjar għall-poplu.

## 24. Inkomplu l-għajnuna għal water heaters bil-heat pumps

Insaħħu l-iskema biex aktar familji jibdlu s-sistemi antiki tat-tisħin tal-ilma b'heat pump water heaters aktar effiċjenti. Din hi miżura sempliċi, viżibbli u b'ritorn relattivament mgħaġġel fuq l-investiment.

## 25. Kreditu tat-taxxa għas-sidien li jtejbu l-proprjetajiet mikrija

Noħolqu tax credit għas-sidien li jagħmlu titjib sostenibbli fi djar jew proprjetajiet mikrija, b'rabta ma' standards minimi tal-effiċjenza u kuntratti reġistrati. Hekk insolvu s-sitwazzjonijiet ta' kerrejja li jħallsu l-kontijiet u sidien li m'għandhomx inċentivi biex jinvestu.

## 26. Skemi aħjar ta' effiċjenza fl-enerġija għall-SMEs

Insaħħu l-għajnuna lil-lukandi, il-ħwienet, ir-ristoranti u l-workshops biex dawn inaqqsu l-konsum tal-enerġija u jaġġornaw it-tagħmir tagħhom. Niżguraw li n-negozji ż-żgħar inaqqsu l-ispejjeż mingħajr ma jgħaddu l-piż kollu fuq il-konsumatur.

## 27. Qafas ta' kuntratti nodfa għall-industrija ta' daqs kbir

Noħolqu qafas ta' kuntratti fit-tul għall-enerġija nadifa biex il-kumpaniji l-kbar, il-lukandi u s-servizzi li jikkunsmaw ħafna jkollhom aktar ċertezza fil-prezzijiet u aktar inċentiv jinvestu f'enerġija bl-inqas emissjonijiet.





## 28. Depots, chargers u konverżjoni tal-flotta ta' tal-linja

Ninvestu f'depots elettriċi, chargers u konverżjoni gradwali tal-flotta tal-karozzi tal-linja biex innaqqsu l-emissjonijiet fit-trasport pubbliku, wara li l-Gvern Laburista ħassar proġett b'fondi Ewropej. Gvern ġdid Nazzjonalista jibda minn fejn għandu l-akbar kontroll dirett u viżibbli. Bl-istess mod inżidu l-investiment biex il-qalba tal-vetturi privati lejn vetturi elettriċi jew hybrid tilħaq lil ħafna aktar vetturi.

## 29. Tnaqqis tal-bolla għall-bini aktar sostenibbli

Norbtu t-taxxa tal-boll u inċentivi oħra mal-effiċjenza tal-enerġija tal-bini hekk kif determinata fiċ-ċertifikat tal-Energy Performance, mal-użu ta' materjali aktar sostenibbli u ma' disinn li juża aħjar id-dawl u l-ventilazzjoni naturali. Min jibni aħjar igawdi vantaġġ ċar.

## 30. Rati iktar vantaġġjużi għal min jiċċarġja l-karozza elettrika d-dar

Innaqqsu r-rata li biha tiċċarġja l-karozza elettrika tiegħek id-dar minn 12ċ98 għall-orħos rata ta' 10ċ47, biex insaħħu l-inċentiv lil dawk is-sidien li jinvestu f'karozza elettrika u jnaqqsu l-emissjonijiet mit-toroq.

# Is-sigurtà fil-provvista tal-ilma

## 31. Insaħħu l-ilma tal-pjan

Nimplimentaw proġett pilota u skema mmirat biex jissaħħaħ l-ilma tal-pjan billi ninċentivaw metodi dwar kif l-ilma tax-xita jerġa' jispiċċa lura fl-ilma tal-pjan.

## 32. Inwettqu miżura mwiegħda iżda mhux imwettqa mill-Partit Laburista għall-użu mill-ġdid tal-ilma

Inniedu skemi intiżi biex ninċentivaw it-trattament u l-użu ta' small-scale grey-water fid-djar. Bis-saħħa ta' teknoloġiji eżistenti, l-ilma tal-banju u tal-ħasil, pereżempju, ikun jista' jissaffa fil-post biex jintuża għal skopijiet oħra fl-istess dar.

## 33. Funtani tal-ilma tax-xorb fil-pjazez u l-postijiet turistiċi

Nimplimentaw network ta' funtani tal-ilma tax-xorb imħaddma bil-panelli solari fil-pjazez u l-postijiet turistiċi biex nipprovdu mod faċli u mgħaġġel ta' kif wieħed jimla l-fliexken tal-ilma. Hekk nipprovdu ilma tajjeb għax-xorb fl-ispazji miftuħa, innaqqsu l-użu tal-plastic, u nnaqsu l-carbon-footprint ta' pajjiżna.

PARTIT NAZZJONALISTA

Nifs Ġdid

Dan hu l-mument tiegħek